

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

A6-0073/2009

24.2.2009

RAKKOMANDAZZJONI

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' protokoll addizzjonali għall-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra, fid-dawl tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (16447/2008 – COM(2008)0749 – C6-0017/2009 – 2008/0212(AVC))

Kumitat għall-Iżvilupp

Rapporteur: Josep Borrell Fontelles

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	6
PROCĊEDURA	7

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' protokoll addizzjonali għall-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra, fid-dawl tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija
(16447/2008 – COM(2008)0749 – C6-0017/2009 – 2008/0212(AVC))**

(Proċedura ta' kunsens)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-test tal-Kunsill (16447/2008),
 - wara li kkunsidra t-talba għal kunsens imressqa mill-Kunsill skont l-Artikolu 300(3), it-tieni sottoparagrafu, flimkien mal-Artikoli 310 u 300(2), l-ewwel sottoparagrafu, tat-Trattat KE (C6 0017/2009),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 75 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A6-0073/2009),
1. Jagħti l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-protokoll addizzjonali;
 2. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jinforma lill-Kunsill u l-Kummissjoni bil-pożizzjoni tal-Parlament.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-koperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel hija stabbilita u organizzata permezz tal-Ftehma dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Koperazzjoni (TDCA). L-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007 titlob il-konklużjoni ta' Protokoll Addizzjonali għat-TDCA sabiex il-Bulgarija u r-Rumanija jiġu inklużi bħala partijiet kontraenti fil-ftehma. Proċedura ssimplifikata għall-adeżjoni ta' dawn il-pajjiżi mat-TDCA hija prevista mill-Artikolu 6(2) tat-Trattat tal-Adeżjoni mal-Bulgarija u r-Rumanija, jiġifieri, il-Kunsill jista' jikkonkludi l-Protokoll Addizzjonali f'isem l-Istati Membri.

It-TDCA nfisha u l-Protokoll Addizzjonali jew l-emendi fil-ftehma jeħtieġu l-kunsens tal-Parlament Ewropew. Il-modifiki magħmula fil-ftehma permezz tal-Protokoll Addizzjonali jirrigwardaw biss l-inklużjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija għal xi Artikoli dwar id-dispożizzjonijiet istituzzjonali u l-inklużjoni tal-ilsna tal-Bulgarija u tar-Rumanija għall-fini tal-ftehma, pereżempju, li d-dikjarazzjoni tal-fattura hija valida wkoll fil-Bulgarija u fir-Rumanija. Ma' dawn, it-TDCA hija daqstant ieħor awtentika fi 32 lingwa (it-22 lingwa uffiċjali tal-UE u l-10 lingwi uffiċjali tal-Afrika t'Isfel apparti l-Ingliż).

Il-Kummissjoni rrevediet il-kwoti tat-tariffi mogħtija skont it-TDCA abbażi ta' negozju tradizzjonali bejn il-Bulgarija u r-Rumanija. Peress li nstab li dan in-negozju tradizzjonali huwa insinifikanti, l-aġġustament tal-kwoti tat-tariffi tqies li mhux meħtieġ.

Il-Protokoll Addizzjonali li fih il-bidliet tekniċi msemmija hawn fuq rigward l-inklużjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija ġie maqbul mar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel fid-9 ta' Ottubru 2007. Il-Kunsill adotta deċiżjoni rigward l-iffirmar u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Addizzjonali. Issa l-Parlament intalab mill-Kunsill, permezz ta' ittra fit-13 ta' Jannar 2009, biex jagħti l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll Addizzjonali.

Ir-rapporteur tiegħek iqis il-Protokoll Addizzjonali bħala eżerċizzju purament tekniku minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u jirakkomanda lill-Parlament biex jagħti l-kunsens tiegħu.

PROĊEDURA

Titolu	Protokoll addizzjonali għall-Ftehma KE/Afrika t'Isfel fid-dawl tal-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea
Referenzi	16447/2008 – C6-0017/2009 – COM(2008)0749 – 2008/0212(AVC)
Data tat-talba tal-kunsens tal-PE	12.1.2009
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 15.1.2009
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 15.1.2009
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	INTA 20.1.2009
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Josep Borrell Fontelles 21.1.2009
Eżami fil-kumitat	16.2.2009
Data tal-adozzjoni	17.2.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alessandro Battilocchio, Thijs Berman, Thierry Cornillet, Corina Crețu, Alexandra Dobolyi, Fernando Fernández Martín, Alain Hutchinson, Romana Jordan Cizelj, Filip Kaczmarek, Glenys Kinnock, Maria Martens, Gay Mitchell, José Javier Pomés Ruiz, José Ribeiro e Castro, Toomas Savi, Frithjof Schmidt, Jürgen Schröder, Felekna Uca
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Miguel Angel Martínez Martínez, Manolis Mavrommatis, Gabriele Zimmer